



2024/1162

23.4.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1162

tat-22 ta' April 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Malus domestica* u ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Berberis thunbergii* li joriġinaw mit-Turkija, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 fir-rigward tal-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni tal-pjanti għat-tħawwil tal-*Malus domestica* fit-territorju tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), l-ewwel u t-tielet subparagrafi tiegħu

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019⁽²⁾, abbażi ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018⁽³⁾ jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-proċedura li trid tiġi segwita sabiex issir valutazzjoni tar-riskji fuq il-pjanti, fuq il-prodotti tal-pjanti u fuq oġġetti oħra ta' riskju għoli msemmija fl-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031.
- (3) Wara valutazzjoni preliminari, fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 iddaħħlu 34 ġeneru u speċi waħda tal-pjanti għat-tħawwil li joriġinaw mill-pajjiżi terzi kollha, bħala pjanti ta' riskju għoli. Dak l-Anness jinkludi l-ġeneri *Malus* Mill. u *Berberis* L.
- (4) Il-lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra, imneħħija mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 u li jistgħu jiġu introdotti fit-territorju tal-Unjoni jew imċaqilqa fi ħdanu biss jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċjali, hija prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213⁽⁴⁾.
- (5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 jistabbilixxi l-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, iżda r-riskji fitosanitarji tagħhom għadhom ma ġewx invaluatati bis-sħiħ. Dan għaliex wieħed jew aktar mill-pesti li jgħixu f'dawk il-pjanti għadhom mhumiex inklużi fil-lista tal-Unjoni tal-pesti tal-kwarantana tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072⁽⁵⁾, iżda jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiġu inklużi wara valutazzjoni tar-riskji kompluta ulterjuri.

⁽¹⁾ ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jehitgħu ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward il-proċedura li trid tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju ta' pjanti b'riskju għoli, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra fit-tifsira tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 7).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 tal-21 ta' Awwissu 2020 dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 275, 24.8.2020, p. 5).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

- (6) Fid-9 ta' Awwissu 2019, it-Turkija ressqet talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pjanti għat-tħawwil tal-*Malus domestica* li jikkonsistu minn rimja bl-għejun u brokkijiet ta' mhux aktar minn sena mingħajr weraq, u minn salvaġġ u minn pjanti mlaqqma bl-għeruq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq u b'dijametru taz-zokk massimu ta' 3 cm. Dik it-talba kienet appoġġata mid-dossier tekniku rilevanti.
- (7) Fil-31 ta' Marzu 2022, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-komodità tal-pjanti tal-*Malus domestica* mit-Turkija⁽⁶⁾. L-Awtorità identifikat lill-*Anoplophora chinensis*, lill-*Calepitrimerus baileyi*, lill-*Cenopalpus irani*, liċ-*Cicadatra persica*, lid-*Diplodia bulgarica*, lill-*Erwinia amylovora*, lill-*Hoplolaimus galeatus*, lill-*Lopholeucaspis japonica*, lill-*Malacosoma parallela*, lill-*Pratylenchus loosi*, lill-*Pyrolachnus pyri* u lill-virus tar-ringspot tat-tadam bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti għat-tħawwil.
- (8) Fis-7 ta' Novembru 2022, l-Awtorità emendat l-opinjoni xjentifika biex tinkludi lid-*Didesmococcus unifasciatus*, l-*Euzophera semifuneralis*, il-*Maconellicoccus hirsutus*, il-*Pochazia shantungensis* u r-*Russellaspis pustulans* bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti għat-tħawwil.
- (9) L-Awtorità evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju deskritti fid-dossier għall-*Calepitrimerus baileyi*, għall-*Cenopalpus irani*, għaċ-*Cicadatra persica*, għad-*Didesmococcus unifasciatus*, għad-*Diplodia bulgarica*, għall-*Euzophera semifuneralis*, għall-*Hoplolaimus galeatus*, għall-*Lopholeucaspis japonica*, għall-*Maconellicoccus hirsutus*, għall-*Malacosoma parallela*, għall-*Pochazia shantungensis*, għall-*Pratylenchus loosi*, għall-*Pyrolachnus pyri* u għall-virus tar-ringspot tat-tadam u smat il-probabbiltà tal-ħelsien tal-komodità minn dawk il-pesti. L-Awtorità evalwat jekk it-Turkija tapplikax il-miżuri ta' emerġenza, stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2095⁽⁷⁾ biex tipprevjeni tal-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-*Anoplophora chinensis* u fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*, jekk ir-rekwiżiti speċjali għall-introduzzjoni fiż-żoni protetti speċifikati u l-movimenti fi hđanhom, elenkati fil-punt 9 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, tal-pjanti tal-*Malus* Mill., għajr il-frott u ż-żrieragħ, humiex issodisfati. Hija kkonkludiet li t-Turkija tapplika dawk il-miżuri ta' emerġenza u li r-rekwiżiti elenkati fil-punt 9 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 ma ġewx issodisfati. Il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għar-*Russellaspis pustulans* ma ġewx evalwati mill-Awtorità. Madankollu, Opinjoni xjentifika dwar il-kategorizzazzjoni tal-pest tar-*Russellaspis pustulans*⁽⁸⁾ ippubblikata qabel mill-Awtorità, tindika miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li huma effettivi kontra l-pest.
- (10) Fis-27 ta' Novembru 2019, it-Turkija ressqet lill-Kummissjoni talba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pjanti fil-qsar ta' bejn sentejn u 3 snin tal-*Berberis thunbergii*, twal bejn 20 u 40 cm. Dik it-talba kienet appoġġata mid-dossier tekniku rilevanti.
- (11) Fid-19 ta' Mejju 2022, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-komodità tal-pjanti fil-qsar i tal-*Berberis thunbergii* mit-Turkija⁽⁹⁾. L-awtorità identifikat lill-*Bemisia tabaci* u lill-*Malacosoma parallela* bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti għat-tħawwil, evalwat il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju deskritti fid-dossier u smat il-probabbiltà tal-ħelsien tal-komodità minn dawk il-pesti.
- (12) B'segwitu tal-konferma uffiċjali dwar in-nuqqas tal-*Malacosoma parallela* fit-Turkija, il-pest ma għadux meqjus rilevanti għall-komoditajiet tal-*Malus domestica* u tal-*Berberis thunbergii* li joriġinaw f'dak il-pajjiż.

⁽⁶⁾ Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2022. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of *Malus domestica* plants from Turkey. *EFSA Journal* 2022;20(5):7301, 142 pp. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2022.7301>.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2095 tat-28 ta' Ottubru 2022 li jstabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni, l-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni ta' *Anoplophora chinensis* (Forster) u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/138/UE (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 53, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2022/2095/oj?locale=mt).

⁽⁸⁾ Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2022. Scientific Opinion on the pest categorisation of *Russellaspis pustulans*. *EFSA Journal* 2022;20(6):7335, 29 pp. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2022.7335>, ISSN:1831-4732

⁽⁹⁾ Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2022. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of *Berberis thunbergii* potted plants from Turkey. *EFSA Journal* 2022;20(6):7392, 43 pp. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2022.7392>

- (13) Abbażi ta' dawk l-opinjoni, u tal-informazzjoni addizzjonali mit-Turkija fir-rigward tal-*Malacosoma parallela*, ir-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-pjanti għat-tħawwil tal-*Malus domestica* li jikkonsistu minn rimja bl-għejun u minn brokkijiet ta' mhux aktar minn sena mingħajr weraq u minn salvaġġ u minn pjanti mlaqqma bl-għeruq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq u b'dijametru taz-zokk massimu ta' 3 cm, li joriġinaw mit-Turkija, jitqies li jitnaqqas għal livell aċċettabbli, dment li jiġu applikati l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa biex jindirizzaw ir-riskju tal-pesti relatati ma' dawk il-pjanti għat-tħawwil, u li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2095, u mar-rekwiżiti speċjali elenkati fil-punt 9 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 u mar-rekwiżiti speċjali korrispondenti fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.
- (14) Barra minn hekk, ir-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti fil-qsari ta' mhux aktar minn tliet snin tal-*Berberis thunbergii* b'tul massimu ta' 40 cm, li joriġinaw mit-Turkija, jitqies aċċettabbli, dment li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti speċjali korrispondenti stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, filwaqt li ma jitqies meħtieġ l-ebda rekwiżit ieħor.
- (15) B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-pjanti għat-tħawwil tal-*Malus domestica* li jikkonsistu minn rimja bl-għejun u minn brokkijiet ta' mhux aktar minn sena mingħajr weraq u minn salvaġġ u minn pjanti mlaqqma bl-għeruq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq u b'dijametru taz-zokk massimu ta' 3 cm, li joriġinaw mit-Turkija, ma jibqgħux jitqiesu bħala pjanti ta' riskju għoli.
- (16) Bl-istess mod, jenħtieġ li pjanti fil-qsari ta' mhux aktar minn tliet snin tal-*Berberis thunbergii* twal massimu ta' 40 cm, li joriġinaw mit-Turkija, ma jibqgħux jitqiesu bħala pjanti ta' riskju għoli.
- (17) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 jiġi emendat kif xieraq.
- (18) Il-miżuri deskritti mit-Turkija fid-dossier li jikkonċerna l-*Malus domestica* huma meqjusa suffiċjenti biex inaqqsu r-riskju mill-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' dik il-komodità għal livell aċċettabbli. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu adottati bħala rekwiżiti fitosanitarji għall-importazzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni fitosanitarja tat-territorju tal-Unjoni mill-introduzzjoni ta' dawk il-pjanti fih.
- (19) L-*Anoplophora chinensis*, il-*Bemisia tabaci*, il-*Lopholeucapsis japonica* u l-virus tar-ringspot tat-tadam huma elenkati bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072. L-*Erwinia amylovora* hija elenkata bħala pest ta' kwarantina fiż-żoni protetti fl-Anness III ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u bħala pest irregolat mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Huma stabbiliti rekwiżiti speċjali fil-punt 9 tal-Anness X ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, biex jipprevjenu d-dħul u t-tixrid ta' dak il-pest fiż-żoni protetti speċifikati.
- (20) B'kuntrastr ma' dan, il-*Calepitrimerus baileyi*, iċ-*Cenopalpus irani*, id-*Didesmococcus unifasciatus*, id-*Diplodia bulgarica*, l-*Euzophera semifuneralis*, il-*Hoplolaimus galeatus*, il-*Maconellicoccus hirsutus*, il-*Pochazia shantungensis* u l-*Pratylenchus loosi* għadhom mhumiex inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, iżda jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiġu inklużi ladarba titwettaq valutazzjoni tar-riskji kompluta. Għalhekk, fir-rigward ta' dawk il-pesti hemm bżonn ta' miżuri fitosanitarji sakemm titwettaq valutazzjoni tar-riskju kompluta. Il-kategorizzazzjoni tal-pest tar-*Russellaspis pustulans* tindika li l-pest jissodisfa l-kundizzjonijiet biex jiġi elenkat bħala pest ta' kwarantina fl-Unjoni. Għalhekk, huma meħtieġa miżuri fitosanitarji dwar dak il-pest sakemm jiġi elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.
- (21) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 jiġi emendat kif xieraq.
- (22) Iċ-*Cicadatra persica* u l-*Pyrolachnus pyri* għadhom mhumiex inklużi fil-lista tal-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni. Madankollu, minħabba li ma ġie osservat l-ebda impatt sinifikanti fuq il-pjanti ospitanti infettati minn dawk il-pesti fl-Unjoni, ma huwa meħtieġ l-ebda rekwiżit tal-importazzjoni fir-rigward ta' dawk il-pesti.
- (23) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fit-tabella, fil-punt 1, it-tieni kolonna "Deskrizzjoni" hija emendata kif ġej:

1. l-entrata ta' "*Malus Mill.*" hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Malus Mill.*, għajr:

- pjanti imlaqqma għat-tħawwil ta' bejn sena u sentejn, bl-għeruw mikxufin, inattivi, mingħajr weraq tal-*Malus domestica*, li joriġinaw mis-Serbja;
- pjanti imlaqqma għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 3 snin, bl-għeruw mikxufin, inattivi, mingħajr weraq tal-*Malus domestica* li joriġinaw mill-Moldova;
- salvaġġ ta' mhux aktar minn 3 snin, bl-għeruw mikxufin, inattiv, mingħajr weraq tal-*Malus domestica* li joriġina mill-Ukrajna;
- pjanti imlaqqma għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 3 snin, bl-għeruw mikxufin, inattivi, mingħajr weraq tal-*Malus domestica* li joriġinaw mill-Ukrajna;
- biċċiet mingħajr weraq ta' mhux aktar minn sena tal-*Malus domestica* li joriġinaw mir-Renju Unit;
- pjanti għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 7 snin tal-*Malus domestica* li joriġinaw mir-Renju Unit;
- pjanti għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 7 snin b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 40 mm tal-*Malus sylvestris* li joriġinaw mir-Renju Unit;
- pjanti għat-tħawwil ta' mhux aktar minn sentejn, bl-għeruw mikxufin, inattivi, mingħajr weraq, imlaqqmin tal-*Malus domestica*, li joriġinaw mill-Bożnija-Ħerzegovina;
- rimja bl-għejun u brokkijiet ta' mhux aktar minn sena, mingħajr weraq, tal-*Malus domestica* li joriġinaw mit-Turkija;
- pjanti għat-tħawwil tal-*Malus domestica* bl-għeruw mikxufin, inattivi, mingħajr weraq u b'dijametru taz-zokk massimu ta' 3 cm, li joriġinaw mit-Turkija."

2. l-entrata ta' "*Berberis L.*" hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Berberis L.*, għajr pjanti għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 3 snin tal-*Berberis thunbergii* f'materjal għat-*tkabbir*, b'tul massimu ta' 40 cm, li joriġinaw mit-Turkija."

ANNEX II

Fit-tabella tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara "Pjanti għat-tħawwil ta' *Ligustrum delavayanum* u *Ligustrum japonicum*, ta' mhux aktar minn 20 sena f'materjal għat-tkabbir, b'dijametru massimu ta' 18-il cm fil-bażi taz-zokk." mir-Renju Unit.

Pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-orijini	Miżuri
<p>"<i>Malus domestica</i>,</p> <p>— rimja bl-għejun u brokkijiet ta' mhux aktar minn sena, mingħajr weraq;</p> <p>— pjanti għat-tħawwil bl-għeruq mikxufin, inattiv, mingħajr weraq u b'dijametru taz-zokk massimu ta' 3 cm.</p>	<p>ex 0602 10 90</p> <p>ex 0602 20 20</p>	It-Turkija	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(i) il-pjanti huma ħielsa mill- <i>Calepitrimerus baileyi</i>, miċ-<i>Cenopalpus irani</i>, mid-<i>Didesmociococcus unifasciatus</i> mid-<i>Diplodia bulgarica</i>, mill-<i>Euzophera semifuneralis</i> mill-<i>Hoplo-Hoplolaimus galeatus</i>, <i>Maconellicoccus hirsutus</i>, mill-<i>Pochazia shantungensis</i>, mill-<i>Pratylenchus loosi</i> u mir-<i>Russellaspis pustulans</i>;</p> <p>(ii) is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-<i>Calepitrimerus baileyi</i>, miċ-<i>Cenopalpus irani</i>, mid-<i>Didesmociococcus unifasciatus</i>, mid-<i>Diplodia bulgarica</i>, mill-<i>Euzophera semifuneralis</i>, mill-<i>Hoplolaimus galeatus</i>, <i>Maconellicoccus hirsutus</i>, mill-<i>Pochazia shantungensis</i>, mill-<i>Pratylenchus loosi</i>, u mir-<i>Russellaspis pustulans</i> matul l-ispezzjonijiet uffiċjali mwettqa fi żminijiet xierqa, mill-bidu taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-pjanti;</p> <p>(iii) twaqqfet sistema biex tiżgura li, qabel ma jiddaħħlu f'kull sit tal-produzzjoni, l-għodod u l-makkinarju għat-tilqim, għaż-żbir u għall-qligħ tal-ħamrija jkunu tnadddu għal kollox mill-ħamrija u minn biċċiet tal-pjanti u ġew diżinfettati biex jinhelu mill-<i>Calepitrimerus baileyi</i> miċ-<i>Cenopalpus irani</i>, u mid-<i>Diplodia bulgarica</i>;</p> <p>(iv) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Calepitrimerus baileyi</i>, taċ-<i>Cenopalpus irani</i>, tad-<i>Didesmociococcus unifasciatus</i>, tal-<i>Euzophera semifuneralis</i>, tal-<i>Maconellicoccus hirsutus</i>, tal-<i>Pochazia shantungensis</i> u tar-<i>Russellaspis pustulans</i> b'tali daqs tal-kampjun li jkun jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 % għal kull pest, u spezzjoni uffiċjali u kampjunar u ttestjar sistematiku u aleatorju tal-pjanti għall-preżenza tad-<i>Diplodia bulgarica</i>, tal-<i>Hoplolaimus galeatus</i> u tal-<i>Pratylenchus loosi</i>;</p>

			<p>(b) taħt l-intestatura “Dikjarazzjoni Addizzjonali”, iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: “Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213”; kif ukoll</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati.”</p>
--	--	--	--